

# IR-RIĊETTA VETERINARJA ELETTRONIKA

*Kitba ta' Stephen Spiteri – Spiżjar Prinċipali Anzjan*
*Dipartiment tas-Saħħa u t-Trattament Xieraq tal-Annimali*

Ir-riċetta veterinarja elettronika mħaddma preżentement f'Malta hija ispirata minn sistemi oħra simili li jinstabu fi Stati Membri tal-UE, bħall-Italja u l-Iżvezja. Hija wkoll f'konformità ma' Artiklu 105 tar-Regolament (UE) 2019/6, dwar Prodotti Mediċinali Veterinarji.

Ir-riċetta veterinarja elettronika hija programm web-base għall-mowbajls, kompjuters jew tablets li jiġi pprovdut mingħajr ħlas lil min jista' jippreskrivi u jagħti prodotti mediċinali veterinarji f'Malta. Din tista' tinstab hawn: https://vetpres.gov.mt/ F'Malta, kirurgi veterinarji biss jistgħu jippreskrivu prodotti mediċinali veterinarji. L-aċċess għas-sistema elettronika jiġi pprovdut wara proċess ta' verifika sempliċi wara talba mill-kirurgu veterinarju u minn min jista' jagħti prodotti mediċinali veterinarji. It-talba ssir permezz ta' formola onlajn li tista' titniżżel minn hawn: https://www.servizz.gov.mt/mt/Pages/Ambjent_-Ener_ija_-Biedja-u-Sajd/_arsien-tal-Annimali/Servizzi-Veterinarji/WEB05365/default.aspx. Il-kirurgi veterinarji jużaw din is-sistema elettronika biex idaħħlu d-dettalji tar-riċetta veterinarja u malli din timtela kollha jiġi ġġenerat kodiċi numeriku. Il-kodiċi numeriku tirċivih il-persuna li tkun se tirċievi l-prodott mediċinali veterinarju. Dan tirċivih permezz ta' SMS fuq il-mowbajl jew permezz ta' imejl. Il-persuna li tkun se tirċievi l-prodott mediċinali veterinarju tista' tmur fi spiżerija veterinarja tal-għażla tagħha u tipprovdi l-kodiċi numeriku lill-ispiżjar. L-ispiżjar juża l-kodiċi numeriku biex jaċċessa r-riċetta veterinarja elettronika u jipproċessaha għall-għoti tal-mediċina. Meta kirurgu veterinarju jkun l-istess persuna li jagħti l-prodott mediċinali veterinarju, is-sistema tiggwida lill-kirurgu veterinarju biex jagħti l-mediċina hu stess (għalkemm il-kodiċi numeriku xorta jista' jiġi ġġenerat f'każ li l-mediċina ma tingħatax kollha).

Ir-riċetta veterinarja elettronika hija marbuta ma' pjattaforma elettronika iżjed estensiva li fiha dokumenti relatati mas-saħħa tal-annimali. Din il-pjattaforma hija skedata li titnieda sal-aħħar tas-sena 2022 u ġiet imsemmija *My-Pet/My-Farm*. Dokumenti li jistgħu jkunu fiha jinkludu dawn li ġejjin:

- rekords ta' trattament
- skedi ta' tilqim
- twissijiet fuq l-użu prudenti tal-mediċini
- tfakkir ta' appuntamenti
- informazzjoni dwar stabbilimenti veterinarji u spiżeriji veterinarji

Hemm partijiet mhux obbligatorji fuq ir-riċetta veterinarja elettronika li l-kirurgi veterinarji jistgħu jagħżlu li jimlew. B'dan il-mod is-sistema tgħin fl-organizzazzjoni tar-rekords

tagħhom u tgħinhom jikkonformaw mal-obbligi legali relatati maż-żamma tar-rekords.

Is-sidien tal-annimali (kemm annimali tal-ikel fir-razzett kif ukoll annimali domestiċi) jistgħu jibbenefikaw minn din is-sistema elettronika wkoll. Dan għaliex se jkollhom dokumenti importanti depożitati f'post wieħed u sikur li jkun aċċessibbli b'għafsa ta' buttuna minn kullimkien, u f'kull ħin. Din tixbah ħafna s-sistema eżistenti ġo Malta tal-*My-Health*. Dan jista' jsir bl-użu tal-e-ID tal-persuna.

Id-data dwar l-għoti tal-mediċini hija aċċessibbli b'mod faċli ħafna u tkun tista' tintuża biex jiġu studjati xejriet fil-preskrizzjoni u l-għoti tal-mediċini lill-annimali. Mhux l-intenzjoni tad-Dipartiment li jfittex għal żbalji terapewtiċi jew idaħħal dubji fuq il-ġudizzju xjentifiku tal-kirurgi veterinarji. Ir-riċetta veterinarja elettronika mhijiex strument ta' twissija imma għodda biex tinkiseb data affidabbli dwar l-użu tal-mediċini, u ttejjeb il-modi ta' preskrizzjoni/għoti tal-mediċini lill-annimali.

Ir-riċetta veterinarja elettronika u l-pjattaforma elettronika assoċjata tagħha (My-Pet/My-Farm) huma ppjanati biex jiffurmaw parti kbira mill-Programm Xieraq ta' Kontroll tas-Saħħa tal-Annimali (regolament 79(2) ta' L.S 437.47, Regolamenti Dwar Prodotti Mediċinali Veterinarji.

F'Malta, wara April 2023, kull stabbiliment reġistrat jew liċenzjat fejn jinżammu l-annimali u li ma jkunux esklużi mid-dispożizzjonijiet tal-Kontrolli Uffiċjali għandu jkollu Programm Xieraq ta' Kontroll tas-Saħħa tal-Annimali.

Benefiċċji kbar għad-Dipartiment huma effiċjenza akbar fil-ġbir tad-data dwar l-użu tal-antimikrobiċi. Għall-aħjar effiċjenza fir-rigward ta' ġbir tad-data dejjem huwa aħjar jekk tintuża biss ir-riċetta veterinarja elettronika. Sors wieħed ta' informazzjoni tal-istess ħaġa huwa aktar maniġġabbli kif ukoll jevita riżultati doppji. Sistemi paralleli jirriskjaw li jintroduċu entrati doppji jew jistgħu joħolqu lakuni.

L-użu tar-riċetta veterinarja elettronika tevita problemi komuni li spiss ikollhom kopji stampati. Dawn huma kaligrafija illeġibbli u partijiet mhux mimlija sew. Dan kollu jikkawża żbalji fil-kalkoli tad-data.

Vantaġġi oħra tar-riċetta veterinarja elettronika u l-pjattaforma elettronika assoċjata magħha (My-Pet/My-Farm) huma dawn:

- Iżjed konvenjenti għax tneħħi l-ħtieġa li kirurgi veterinarji japplikaw għal riċetti veterinarji u jirċevuhom bil-posta jew jiġbruhom huma stess.
- Tiffaċilita lill-kirurgi veterinarji biex joħorġu r-riċetti b'mod effiċjenti u tnaqqas l-iżbalji; apparti li iżjed komda biex tintuża minn kulħadd.
- Tista' tintuża wkoll għall-annimali ta' barra (stay animals) u rziezet mhux reġistrati (back-yard farms).
- Ittejjeb it-traċċabbiltà u r-responsabbiltà fl-użu fl-irziezet u għall-annimali domestiċi.
- Iżżid ir-responsabbiltà tal-persuni involuti fil-preskrizzjoni, l-għoti u l-użu ta' mediċini fl-annimali.
- Tippermetti bidliet malajr fil-format jew kontenut.
- Tippermetti kontroll aħjar fuq l-użu ta' sustanzi li jeħtieġu kontroll addizzjonali, bħal antibijotiċi kritiċi, narkotiċi u psikotropiċi.
- Tippermetti għoti parzjali ta' mediċini skont il-bżonn.
- Tipprovdi kontrolli fl-istadji kollha tagħha f'konformità ma' numru ta' rekwiżiti tal-UE.
- Tippermetti l-assenjazzjoni tal-validità tar-riċetta.
- Tippermetti tqassim tal-prodott mediċinali veterinarju minn persuni jew stabbilimenti awtorizzati biss.
- Tevita l-ispiża tal-istampar.
- Aktar ekoloġika (f'konformità mal-Green Deal tal-UE) u telimina l-problemi bl-ispazju tal-ħażna ta' kopji stampati.

Diversi studji jindikaw li r-riċetta veterinarja hija fattur importanti li jrażżan l-użu ħażin tal-mediċina. Din l-importanza tieħu dimensjoni ġdida fl-isfond tal-problema globali tar-reżistenza għall-antibijotiċi, fejn il-bnedmin u l-annimali qed idumu iżjed biex ifiqu – jew ma jfiqu xejn – mill-infezzjonijiet.

Ir-riċetta veterinarja b'forma elettronika hija strument importanti biex jitjieb il-kontroll fl-użu tajjeb tal-antibijotiċi u b'hekk titkompla l-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antibijotiċi mill-batterji. Fil-fatt din hija msemmija bħala għan importanti fl-Istrateġija u Pjan t'Azzjoni għall-Prevenzjoni u l-Konteniment tar-Reżistenza Antimikrobika f'Malta (2020 – 2028) li wieħed jista' jsibu ppubblikat f'dan is-sit elettroniku: https://deputyprimeminister.gov.mt/en/nac/Documents/AMR%20Strategy%20Final%20Jul%202020.pdf